MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 7/1998/2

**Grezzju Debono**
**v.**
**Josephine Mifsud, Joseph Bigeni u Angela Bigeni**

## Il-Qorti:

Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni tad-dezerzjoni tal-kawza minhabba li r-rikors ta' appell ma giex notifikat lill-partijiet kollha entro t-terminu perentorju ta' sena kif provvdut fl-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12 meta moqri ma' l-Artikoli 144(1) u 146(1) ta' l-istess Kodici.

Fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti – tal-20 ta’ Novembru 2006 – li ghaliha, apparti mill-appellant Grezzju Debono u l-Avukat tieghu Dott. Alex Perici Calascione, attendiet Josephine Mifsud mhux assistita, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li r-riferta tal-11 ta’ Mejju 2004 (riferibbilment ghan-notifika tar-rikors tal-appell lill-kontroparti) kienet tindika biss lill-imsemmija Josephine Mifsud minghajr ebda referenza ghaz-zewg appellati l-ohra. Il-Qorti giet infurmata li l-Avukat Dott. Chris Said, li kellu jidher ghal Mifsud u ghall-appellati l-ohra Joseph Bigeni u Angela Bigeni, kien indispost. Qabel ma din il-Qorti ddifferiet l-appell, gie registrat ghal kull buon fini li Josephine Mifsud infurmat lill-Qorti li hutha – l-ahwa Bigeni – kienu jafu bis-smigh ta’ l-appell ghal dik il-gurnata.

Fl-udjenza ta’ wara – 29 ta’ Jannar 2007 – rega’ deher l-appellant Grezzju Debono u l-avukat tieghu. Dehret ukoll Josephine Mifsud assistita mill-Avukat Dott. Chris Said, li deher jirraprezenta wkoll lill-ahwa Bigeni. F’din l-udjenza gie registrat hekk: *“Dr Chris Said ghal Joseph Bigeni u Angela Bigeni jeccepixxi d-dezerzjoni ta’ l-appell minhabba li dan ma giex notifikat ukoll lil Joseph Bigeni u Angela Bigeni izda biss, skond ir-riferta a fol. 1 tergo, lil Josephine Mifsud.”* Il-kawza thalliet ghall-5 ta’ Frar 2007, biex id-difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fuq dan il-punt, kif effettivament ghamlu.

Issa, skond l-Artikolu 185 tal-Kap. 12, *“…meta skrittura ghandha tigi notifikata lil tnejn minn nies jew izjed, <u>ukoll jekk dawn ikunu jghixu flimkien fl-istess indirizz</u>, kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b’kopja ta’ dik l-iskrittura.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Effettivament hekk jidher li sar bic-citazzjoni u bl-atti annessi maghha – dawn gew notifikati, b-kopji separati, lit-tliet konvenuti (ara t-tliet riferti a fol. 2, tergo). Skond l-Artikolu 186(2), imbaghad, *“Jekk skrittura tkun maghmula kontra zewg persuni jew izjed, dawn <u>jistghu</u>, meta jippresentaw it-twegiba fl-isem ta’ kulhadd, isemmu, b’mezz ta’ nota, wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 180 bhala dik li lilha ghandu jkun innotifikat fl-isem ta’ kulhadd kull att tal-parti kuntrarja.”* (sottolinear ukoll ta’ din il-Qorti). La meta pprezentaw in-

nota ta’ l-eccezzjonijiet bi twegiba ghall-att ta’ citazzjoni u anqas f’ebda stadju wara ma jirrizulta li giet prezentata xi nota mill-konvenuti b’indikazzjoni ta’ min minnhom kellu jibda jigi notifikat ghall-finijiet tal-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 186. In-nota a fol. 32 tal-process certament ma ghandha x’taqsam xejn ma’ din id-disposizzjoni; din hija semplici nota tal-konvenuti li biha qed jaghtu ruhhom b’notifikati bl-affidavit tal-attur u jirrizervaw li jaghmlu l-kontro-ezami. Ghalhekk, kull skrittura f’din il-kawza li kellha tigi notifikata lill-konvenuti – inkluz ir-rikors ta’ appell – kellu josserva d-disposizzjoni tal-Artikolu 185 imsemmi. Is-sentenza li ghaliha ghamel referenza l-abbili difensur tal-appellant, cioe` ***Carmelo Galea v. Olga Agius et*** (Prim Awla, 15/12/2003) ma taghmilx ghall-kaz in dizamina, ghax il-punt f’dik il-kawza kien ma’ min kellhom jew setghu jithallew[1], it-tlett kopji tal-iskrittura meta l-persuni li kellhom jigu notifikati kienu jirrisjedu fi tlett indirizzi separati – li ma hux il-kaz hawn, fejn it-tlett konvenuti, illum appellati, jirrisjedu fl-istess indirizz. Anqas ma hu validu l-argument ta’ l-appellant li, galadarba li Joseph u Angela Bigeni kienu jafu bis-smigh ta’ l-appell, allura huma ma kienu ser ibghatu ebda pregudizzju – appellat li ma jkunx gie notifikat bir-rikors ta’ appell entro t-terminu ta’ sena ghandu kull dritt jidher fl-ewwel udjenza u jeccepixxi d-dezerzjoni tal-kawza. L-ahwa Joseph u Angela Bigeni f’dan il-kaz ma ghamlu xejn li b’xi mod jista’ jitqies bhala li huma ghaddew jew xjentement hallew lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taw l-eccezzjoni – ara l-Artikolu 963(4) tal-Kap. Li ghamlu kien li, ma’ l-ewwel opportunita`, taw permezz tad-difensur taghhom l-eccezzjoni tad-dezerzjoni.

Ghalhekk, din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-appellati Joseph u Angela Bigeni tad-dezerzjoni tal-kawza u, fit-termini tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tiddikjara l-kawza dezerta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell. Spejjez a karigu ta’ l-appellant.

[1] Ghall-finijiet tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------